## PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT

**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 10.4.11: il-ĦAMES ĦADD TAR-RANDAN**
Il-Gabra li ssir lluim fil-knisja tkun ghar-Restawr.

**VIA SAGRA DJOĊESANA**

Illum se ssir il-Via Sagra Djoċesana fuq il-għolja ta' Għammar. Din se tkun mmexxija minn Mons. Isqof Mario Grech u tkun imxandra fuq Radju Marija. Tibda fis-6.30p.m.

Ix-Xarabank mill-parroċċa titlaq fis-6.00p.m.

**Fis-7.30p.m. Kunċert mill-Fondazzjoni Gwanni Pawlu II**

Bi tħejjija għall-Beatifikazzjoni tal-Papa Gwanni Pawlu II li se ssir fl-1 ta' Mejju 2011 ġewwa Ruma, il-Fondazzjoni Gwanni Pawlu II se ttella Kunċert ta' Mużika Sagra mill-Kor u l-Orkestra ta' "**American School in London**", fil-knisja tagħna.

Kulħadd huwa mistieden biex jiġi japprezza dan il-kunċert b'qima lejn il-Papa Gwanni Pawlu II.

**IT-TLIETA, 12.4.11: Fid-9.00a.m.** se ssir quddiesa għat-tfal tal-Iskola. Din tkun fis-sala tal-Iskola.

**Fis-7.30p.m.** ikun hawn il-Laqgħa tal-Grupp tal-Kelma ta' Alla (Lectio Divina). Tkun fis-sala tad-Dar Parrokkjali.

**EŻERĊIZZI GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

It-Tlieta, l-Erbgħa u l-Ħamis, 12, 13, u 14 ta' April se jkun hawn l-Eżerċizzi għaż-Żgħażagħ.

Il-Ħin se jkun fit-8.00p.m. u jkunu fiċ-Ċentru Parrokkjali.

Ikunu immexxija minn Fr Charles Sultana.

Nistiednu liż-Żgħażagħ kollha biex jattendu u anke jġibu l-ħbieb magħhom.

**IL-ĠIMGĦA, 15.4.11: FESTA TAD-DULURI TAL-VERĠNI MQADDSA MARIJA.**

**Fit-8.30a.m.** Celebrazzjoni għat-Tfal ta' l-Iskola, marbuta mad-Duluri ta' Marija

**Fis-6.30p.m.** Quddiesa u dritt wara jibda l-korteo bl-istatwa ta' Marija Addolorata li tgħaddi mit– toroq Dun Xand Aquilina, Xabbata, Marsilja, Durell , Tempju tal-Imramma, Dun Luqa, Ċenċ u Pjazza Santa Margerita.

Matul it-triq isiru seba' ħsibijiet dwar is-seba' Duluri ta' Marija. Fl-aħħar tal-Korteo se ssir il-Konsagrazzjoni tal-familji lil Marija Santissima.

Nistiednu lil kulġadd jieħu sehem.

**IS-SIBT, 16.4.11: Mit-8.00a.m. sa nofs inhar** se jinżamm irtir għall-Grupp tal-Vokazzjonijiet tal-parroċċa tagħna.

**IL-ĦADD, 17.4.11: ĦADD IL-PALM U L-PASSJONI TAL-MULEJ**

**JUM MONDJALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

**EŻERĊIZZI TAR-RANDAN GĦAL PERSUNI SEPARATI U F'RELAZZJONI BARRA MIŻ-ŻWIEĠ.**

Bħas-sena l-oħra, ser jerġgħu jsiru l-eżerċizzi għall-persuni separati irġiel jew nisa, u għal dawk li jinsabu f'relazzjoni barra ż-żwieġ. Dawn l-eżerċizzi ser isiru f'Dar Manresa minn nhar it-Tnejn 11 sa' nhar il-Ħamis 14 ta' April 2011. Il-ħin ikun mit-8pm sad-8.45pm. Ikun hemm min jieħu ħsieb it-tfal.

**GABRA GHAS-SEMINARJU**

Il-Gabra għas-seminarju li saret waqt l-Eżerċizzi għal Kulħadd, kienet is-somma ta' €269. Grazzi.




Nhar il-Ħadd, 17 ta' April se ssir **Car Wash** miż-Żgħażagħ taċ-Ċentru fil-pjazza tal-knisja b'risq ic-Ċentru Parrokkjali.

Ġib il-karozza tiegħek għal ħasla...